TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 461/10

**Antoinette Galea**

**vs**

**Snow White Laundry u Monsoon**

Illum 13 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mitejn u ħamsa u tletin ewro (€235), rappreżentanti prezz ta' libsa li nxtrat mingħand id-ditta intimata Monsoon u wara li ħaditha għal *dry cleaning*, il-kulur *gold* li kien fiha telaq.

Is-soċjetajiet intimati ppreżentaw risposta bil-miktub għal din it-talba u attendew għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimati li huma rappreżentanti tas-soċjetajiet intimati, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat libsa mingħand id-ditta intimata Monsoon u wara li ħaditha għal *dry cleaning* għand is-soċjeta' intimata Snow White Laundry, il-kulur *gold* li kellha kien telaq u għalhekk qegħda tfittex kemm mingħand min xtratha u kemm mingħand id-*dry cleaners*.

Is-soċjeta' intimata Monsoon issottomettiet illi l-libsa hija ta' kwalita' tajba u fuq il-*care label* hemm miktub illi din il-libsa hija ta' kwalita' delikata.

Is-soċjeta' intimata Snow White Laundry issottomettiet illi l-libsa intefgħet waħedha *dry cleaning* u li mxew skond l-istruzzjonijiet tal-*care label.*

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet kollha, jikkonkludi illi t-tort huwa tad-*dry cleaning* jiġifieri tas-soċjeta' intimata Snow White Laundry għaliex din il-libsa kellha indikazzjoni ċara illi l-libsa hija delikata u li allura kellha tintuża attenzjoni reqqa.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata Snow White Laundry tħallas is-somma ta' mija u tmenin ewro (€180), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**